# KUNSILL LOKALI LIJA

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 14 – IL-HAMIS 15 TA' LULJU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-4.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew ffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magda Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia

## 2. ATTIVITA SPORTIVA

2.1 Is-Segretarju spjega dwar il-htiega tar-rendikont bid-dettalji ta' l-ispejjes li kien hemm biex tinzamm l-attivita sportiva fil-Pjazza tar-rahal il-Hadd 5 ta' Gunju 2010.

2.2 Wara li jingabar dan ir-rendikont il-Kunsill ikun jista' japplika biex jinghataw il-fondi li kienu approvati biex tinzamm din l-attivita sportiva.

2.3 F’istess programm ta’ attivitajiet sportivi hemm il-hsieb ukoll biex f’Ottubru li gej terga’ tinzamm l-istess attivita.

## 3. TRAFFIC MANAGEMENT

3.1 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris informa lill-Kunsill bil-laqgha ‘on-site’ fil-lokalita ta’ Hal Lija mal-Perit Susanna Bonello tat-Transport Malta.

3.2 Waqt din il-laqgha li ghaliha attendew ukoll il-kunsilliera s-Sinjorina Lorraine Farrugia u Dr. Marc Sant gie spjegat il-problema tat-traffiku fil-lokalita.

3.3 Minn naha tieghu il-Kunsill ser iressaq b’mod ufficjali diversi punti li kienu mistharga waqt din il-laqgha.

3.4 Il-Perit Susanna Bonello ghandha tiehu hsieb tfassal programm biex dan jigi diskuss ukoll mal-kunsill li jinhtieg jitwettaq biex din il-problema tkun tista’ tissolva.

## 4. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

4.1 Il-Perit tal-Kunsill Mr. John Rizzo Naudi spjega lill-kunsilliera b’mod dettaljat it-tenders li kienu waslu l-Kunsill fir-rigward ta’ PPP toroq.

4.2 Huwa ghamel analizi dettaljata u qal li fil-fehma tieghu l-aktar offerta vantaggjuza kienet ta’ Polidano Brothers, u dawn teknikament huma kapaci biex iwettqu ix-xoghol mitlub.

4.3 Il-Kunsilliera, wara diskussjoni fuq dak li qal l-Perit, qablu li ghandhom jitolbu direzzjoni mid-Dipartment tal-Kunsilli Lokali ghar-raguni li l-ammonti f’kull tender huma aktar mill-istima li kien hemm previst meta saret it-talba biex il-Kunsill jinghata fondi mill-PPP Toroq.

4.4 Decizjoni dwar it-tenders ghandha tittiehed fil-laqgha li jmiss.

## ATTIVITAJIET KULTURALI

5.1 Il-Kunsill unanimament approva biex waqt l-attivita tal-Wirja Piroteknika f'Hal Lija ikun hemm servizz mill-Protezzjoni Civili biex ikun assigurat li ma jkun hemm l-ebda incident waqt din l-attivitali jista' jkun ikkontrollat minn dawn in-nies.

5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kompliet taghti aktar taghrif u informazzjoni dwar preparamenti li kient qed taghmel biex tinzamm l-attivita kulturali fil-lokalita ghal l-ahhar ta' Awissu.

5.3 Hija qalet ukoll li minhabba l-possibilta li din l-attivita tista' tkun imwettqa mill-fondi li jistghu jinghataw taht Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011, qed tisugerixxi li din tinzamm is-sena d-diehla flok din is-sena.

## 6. ANTENNA – PREZIOSI STREET

6.1 Is-Sindku Dr. Ian Castaldi Paris tkellem dwar l-andament tal-kawza li kien fetah il-kunsill kontra il-Melita dwar l-Antenna fi Preziosi Street li kienet tpoggiet fil-qalba tar-residenti u ghalhekk tista' tkun li qed tikkaguna hsarat lill dawn ir-residenti.

6.2 Skond l-ahhar seduti li kien hemm fil-Qorti, wara li kien tpogga' ir-rapport mill-Espert imqabbad mill-Qorti issa kienu qed jitpoggew mistoqsijiet minn naha tal-Melita biex dawn jigu imwiegba minn dan l-Espert.

6.3 Is-Sindku qal ukoll li waqt l-ahhar laqgha li nzammet fil-Kunsill mar-residenti ta' Preziosi Street huwa spejga li kien hemm bzonn ta' parir minn esperti dwar din il-problema. Huwa qal ukoll li l-Kunsill gie offrut is-servizz minghajr hlas ta' Ms Schembri Wismayer biex ikunu evitati spejjes bla bzonn possibilment lill-Kunsill.

6.4 Huwa ser ikompli jzomm lill-kunsilliera infurmati b'dak kollu li jkun qed jigri fil-Qorti.

6.5 Il-kunsilliera filwaqt li qablu li ghandha tibqa tittiehed l-azzjoni necessarja bil-Qorti kontra il-Melita PLC qablu li ghandhom jinghataw dettalji mill-Avukat dwar l-ispejjes legali li thallsu u li hemm pendenti sallum

## 7. Il-FULJETT – LEHEN IL-KUNSILL

7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li id-'draft' tal-Fuljett kien lest u ghal din ir-raguni informa lill-kunsilliera biex nhar l-Erbgha li jmiss issir laqgha biex tiffinalizza kif ghandu ikun stampat il-fuljett.

7.2 Il-kunsilliera unanimament qablu li l-istampar ta' dan il-fuljett jerga jigi stampat ghand il-progress press bhal ma kien sar f'dawn l-ahhar tlett snin

**8. CENTRU REKREATTIV**

8.1 Il-Kunsilliera unanimament qablu biex ikompli isir upgrading fic-Centru rekreattiv billi jigu rrangati il-bankijiet, fences, irrigation system u dwal li hemm f'dan il-post.

## 9. AGGORNAMENT TAL-LAQGHA

7.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 11 t' Awissu 2010 fl-5.00p.m..

Dr. Ian Castaldi Paris
Sindku

Sur Alfred Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv